MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru. 1086/2006

PULIZIJA
SPETTUR JASON AGIUS
VS
ANTHONY CASSAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Cassar, ta’ Anthony Cassar, ta’ 40 sena, bin il-mejjet John u Mary nee’ Grima, imwieled Mtarfa L/O Rabat, Malta, fl-24 ta’ Settembru 1966, u residenti 4, Luton, Triq Espedito Catania, Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 403666(M), u akkuzat talli fl-10 t’Awissu 2006, ghal habta tal-hamsa u nofs ta’ filghaxija, fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, Gudja, ikkommetta serq ta’ ‘mobile phone’ tal-marka Nokia 6280, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), izda inqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), u bil-persuna.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 5).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt illi l-fedina penali tieghu hija nadifa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------